

32005D0395

26.5.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 132/17

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2005/395/PESK

ta' l-10 ta' Mejju 2005

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/80/PESK dwar l-istabbiliment tal-Persunal Militari ta' l-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-organizzazzjoni u l-istruttura attwali tal-Persunal Militari ta' l-Unjoni Ewropea (EUMS) ma jieħdux kont ta' uhd mill-kompiti ġodda tagħha.
- (2) Barra minn hekk, fir-rigward tat-tmexxija ta' operazzjonijiet militari awtonomi, f'ċerti ċirkostanzi l-Kunsill jista' jiddeċiedi, fuq il-parir tal-Kumitat Militari ta' l-UE, li jagħmel użu mill-kapaċità kollettiva tal-EUMS, partikolarment fejn rispons ċivil militari konġunt huwa meħtieġ u fejn mhu identifikat l-ebda Kwartier nazzjonali.
- (3) Bħala riżultat, hu meħtieġ li jiġu emendati l-mandat u l-organizzazzjoni tal-EUMS.
- (4) Fit-12 ta' April 2005 il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rakkomanda li l-mandat u organizzazzjoni tal-EUMS jiġu emendati.
- (5) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni 2001/80/PESK ⁽¹⁾ għandha tiġi emendata,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2001/80/PESK hi emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 2

Il-mandat u l-organizzazzjoni tal-Persunal Militari ta' l-Unjoni Ewropea huma definiti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.”.

2. L-Artikolu 4 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 4

Membri tal-Persunal Militari ta' l-Unjoni Ewropea għandhom ikunu soġġetti għal regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/479/KE tas-16 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli applikabbli għal esperti nazzjonali u persunal militari sekondat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (*).

(*) ĠU L 160, 28.6.2003, p. 72”.

3. L-Anness għad-Deċiżjoni 2001/80/PESK hu mibdul bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel, il-10 ta' Mejju 2005.

Għall-Kunsill

Il-President

J. KRECKÉ

(1) ĠU L 27, 30.1.2001, p. 7.

ANNEX

MANDAT U ORGANIZZAZZJONI TAL-PERSUNAL MILITARI TA' L-UNJONI EWROPEA (EUMS)**1. Introduzzjoni**

F'Helsinki, l-Istati Membri ta' l-UE ddeċidew li jstabbilixxu fi ħdan il-Kunsill, korpi militari u politiċi ġodda u permanenti, li jippermettu lill-UE tassumi r-responsabbiltajiet tagħha għall-medda sħiħa ta' prevenzjoni ta' konflitti u kompiti ta' maniġġar ta' kriżijiet kif definiti fit-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea (TUE). Kif previst fir-rapport ta' Helsinki, l-EUMS, "fi ħdan l-istrutturi tal-Kunsill ttiprovdi kompetenza militari u appoġġ lis-CESDP, inkluża t-tmexxija ta' operazzjonijiet militari tal-maniġġar ta' kriżijiet immexxija mill-UE".

Waqt il-laqgħa tiegħu tat-12 u t-13 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew laqa' d-dokument intitolat "Difiża Ewropea, konsultazzjonijiet NATO/UE, ippanar u operazzjonijiet". Fis-16 u s-17 ta' Diċembru 2004 l-Kunsill Ewropew approva l-proposti dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan id-dokument. Il-mandat tal-EUMS huwa definit kif ġej:

2. Missjoni

Il-Persunal Militari għandu jwettaq twissija minn kmieni, valutazzjoni tas-sitwazzjoni u pjanar strateġiku għall-missjonijiet u l-kompiti previsti taħt l-Artikolu 17.2 tat-TUE, inklużi dawk identifikati fl-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà. Din tinkludi wkoll l-identifikazzjoni tal-forzi nazzjonali u multinazzjonali Ewropej u sabiex jiġu implimentati l-politika u d-deċiżjonijiet kif imfassla mill-Kumitat Militari ta' l-Unjoni Ewropea (EUMC).

3. Rwol

- Huwa l-fonti tal-kompetenza militari ta' l-UE;
- Huwa jassigura l-konnessjoni bejn l-EUMC min-naħa l-waħda u r-riżorsi militari disponibbli għall-UE min-naħa l-oħra, u jipprovdi kompetenza militari lill-korpi ta' l-UE skond id-direttivi mill-EUMC;
- Huwa jwettaq tliet funzjonijiet operattivi prinċipali: twissija minn kmieni, valutazzjoni tas-sitwazzjoni u pjanar strateġiku;
- Huwa jipprovdi kapaċità ta' twissija minn kmieni. Huwa jippjana, jivvaluta u jagħmel rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-kunċett ta' maniġġar ta' kriżijiet u l-istrateġija militari ġenerali u jimplementa d-deċiżjonijiet u d-direttivi ta' l-EUMC;
- Huwa jagħti appoġġ lill-EUMC fir-rigward tal-valutazzjoni tas-sitwazzjoni u l-aspetti militari ta' l-ippjanar strateġiku ⁽¹⁾, fuq il-medda kollha ta' missjonijiet u kompiti previsti fl-Artikolu 17.2 tat-TUE, inklużi dawk identifikati fl-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, għall-każijiet kollha ta' operazzjonijiet immexxija mill-UE, kemm jekk l-UE tiegħu mill-assi u l-kapaċitajiet tan-NATO u wkoll jekk le.
- Huwa jagħti appoġġ (fuq talba tal-SĠ/RG jew tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurta' (PSC)) lil missjonijiet temporanji għal pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, sabiex jipprovdi kif meħtieġ konsulenza u assistenza dwar aspetti militari tal-prevenzjoni ta' konflitti, maniġġar ta' kriżijiet u stabbilizzazzjoni wara l-kunflitt;
- Huwa jikkontribwixxi għall-proċess ta' elaborazzjoni, valutazzjoni u reviżjoni ta' miri ta' kapaċità li b'kont meħud tal-ħtieġa, għal dawk l-Istati Membri konċernati, li tiġi żgurata koerenza mal-Proċess ta' Pjanar għad-Difiża (DPP) tan-NATO u l-Proċess ta' Pjanar u Reviżjoni (PARP) tas-Sħubija għall-Paċi (PfP) skond proċeduri miftiehma.

⁽¹⁾ Definizjonijiet preliminari:

Ippjanar strateġiku:

attivitajiet ta' pjanar li jibdw malli tifaċċa kriżi u jintemmu meta l-awtoritajiet politiċi ta' l-UE japprovaw għażla strateġika militari jew sett ta' għażliet strateġiċi militari. Il-proċess strateġiku jinkludi valutazzjoni tas-sitwazzjoni militari, definizzjoni ta' qafas POL/MIL u żvilupp ta' għażliet strateġiċi militari.

Għażla strateġika militari:

azzjoni militari possibbli mfassla biex jinkisbu l-oġġettivi POL/MIL imfissra fil-qafas POL/MIL. Għażla strateġika militari tiddekrivi b'mod ġenerali s-soluzzjoni militari, ir-riżorsi meħtieġ u l-limitazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet dwar l-għażla tal-kmandant ta' l-operazzjonijiet u l-OHQ.

- Huwa jaħdem f'koordinazzjoni mill-qrib ma' l-Aġenzija tad-Difiża Ewropea;
- Huwa għandu r-responsabbiltà li jagħmel monitoraġġ, jivvaluta u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar il-forzi u l-kapaċitajiet magħmula disponibbli għall-UE mill-Istati Membri, dwar taħriġ, eżerċizzji u interoperabbiltà;
- Huwa jżomm il-kapaċità biex jirrinforza l-HQ nazzjonali magħżul biex imexxi operazzjoni awtonoma ta' l-UE, primarjament permezz ta' Ċellula Ċiv/Mil;
- Huwa għandu r-responsabbiltà permezz ta' Ċellula Ċiv/Mil, li jiġġenera l-kapaċità li jippjana u jmexxi operazzjoni militari awtonoma ta' l-UE, u jżomm il-kapaċità fi ħdan l-EUMS, li jistabbilixxi malajr ċentru ta' operazzjoni għal operazzjonijiet speċifika, partikolarment fejn rispons ċivil/militari koŋġunt huwa meħtieġ u fejn mhu identifikat l-ebda kwartier nazzjonali, ladarba deċiżjoni dwar tali operazzjoni ittieħdet mill-Kunsill, fuq parir ta' l-EUMC.

4. Kompiti

- Huwa jipprovdi kompeteża militari lis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli u lill-korpi tal-UE, taħt id-direzzjoni ta' l-EUMC;
- Huwa jagħmel monitoraġġ tal-kriżijiet potenzjali billi jafda fuq kapaċitajiet ta' taġħrif sigriet nazzjonali u multinazzjonali xierqa;
- Huwa jforni id-Ċentru tas-Sitwazzjoni b' informazzjoni militari u jirċievi l-kontribut tiegħu;
- Huwa jwettaq l-aspetti militari ta' pjanar strateġiku bil-quddiem;
- Huwa jidentifika u jelenka l-forzi nazzjonali u multinazzjonali Ewropej għal operazzjonijiet immexxja mill-UE kordinati man-NATO;
- Huwa jikkontribwixxi għall-iżvilupp u t-tnejn (inklużi taħriġ u eżerċizzji) ta' forzi nazzjonali u multinazzjonali magħmula disponibbli mill-Istati Membri lill-UE. Il-modalitajiet tar-relazzjoni man-NATO huma definiti fid-dokumenti rilevanti;
- Huwa jorganizza u jikkoordina l-proċeduri ma' HQs nazzjonali u multinazzjonali inklużi dawk l-HQs tan-NATO disponibbli għall-UE, biex tiġi żgurata, safejn possibbli, il-kompatibbiltà mal-proċeduri tan-NATO;
- Huwa jikkontribwixxi lejn l-aspetti militari tad-dimensjoni tal-PESD tal-ġlieda kontra t-terroriżmu;
- Huwa jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' kunċetti, duttrina, pjanijiet u proċeduri għall-użu ta' assi u kapaċitajiet militari għal operazzjonijiet ta' maniġġar ta' konsegwenzi ta' diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem;
- Huwa jipprogramma, jippjana, imexxi u jivvaluta l-aspetti militari tal-proċeduri ta' maniġġar ta' kriżijiet ta' l-UE, inkluż l-eżerċizzju tal-proċeduri UE/NATO;
- Huwa jipparteċipa fl-estimi finanzjarji ta' operazzjonijiet u eżerċizzji;
- Huwa jagħmel kollegament ma' l-HQs nazzjonali u l-HQs multinazzjonali tal-forzi multinazzjonali;
- Huwa jistabbilixxi relazzjonijiet permanenti man-NATO skond l-“Arranġamenti permanenti UE/NATO”;
- Huwa jospita Grupp ta' Kollegament man-NATO fl-EUMS u jżomm Ċellola ta' l-UE f' SHAPE skond ir-Rapport tal-Presidenza dwar l-ESDP adottat mill-Kunsill fit-13 ta' Diċembru 2004;
- Huwa jistabbilixxi relazzjonijiet adatti ma' korrispondenti identifikati fin-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, inklużi l-OSCE u l-AU, soġġett għal qbil minn dawn l-organizzazzjonijiet;
- Huwa jikkontribwixxi għall-proċess meħtieġ ta' taġħlim miksub mill-esperjenza;

- Kompiti mwettqa permezz taċ-Ċellula Ċiv/Mil:
 - Iwettaq ippjanar strateġiku ta' kontinġenza fuq l-inizzjattiva tal-SĠ/RGH jew il-PSC;
 - Jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' korp ta' duttrina/kunċetti, permezz ta' taġħlim miksub minn operazzjonijiet u eżerċizzji ċivili/militari;
 - Jipprepara kunċetti u proċeduri għaċ-Ċentru Operattiv ta' l-UE u jiżgura d-disponibbiltà u l-prontezza tal-persunal, il-faċilitajiet u t-tagħmir taċ-Ċentru operattiv għal operazzjonijiet, eżerċizzji u taħriġ;
 - Iwettaq manutenzjoni, jaġġorna u jissostitwixxi t-tagħmir taċ-Ċentru Operattiv ta' l-UE u jwettaq manutenzjoni tal-bini.
- a) Kompiti addizzjonali f'sitwazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet
 - Huwa jitlob u jipproċessa informazzjoni speċifika mill-organizzazzjonijiet ta' taġħrif sigriet u informazzjoni rilevanti oħra mis-sorsi kollha disponibbli;
 - Huwa jappoġġa lill-EUMC fil-kontributi tiegħu għal Gwida dwar Ippjanar Inizzjali u Direttivi ta' Pjanar tal-PSC;
 - Huwa jiżviluppa u jagħti l-prijoritajiet ta' l-għażliet strateġiċi militari bħala l-bażi għall-konsulenza militari ta' l-EUMC lill-PSC permezz ta':
 - definizzjoni ta' għażliet inizjali ġenerali;
 - użu kif xieraq ta' l-appoġġ għall-ippjanar minn sorsi esterni li janalizzaw u jiżviluppaw iktar dawn l-għażliet f'iktar dettall;
 - valutazzjoni tar-riżultati ta' dan ix-xogħol iktar dettaljat u l-kummissjoni ta' xogħol ieħor li jista' jkun meħtieġ;
 - preżentazzjoni ta' stima ġenerali, b'indikazzjoni ta' prijoritajiet u rakkomadazzjonijiet kif meħtieġ, lill-EUMC;
 - Huwa jidentifika f' kordinazzjoni ma' persunal ta' pjanar nazzjonali u, skond il-ħtieġa, in-NATO, il-forzi li jistgħu jipparteċipaw f'operazzjonijiet possibbli mmexxija mill-UE;
 - Huwa jassisti lill-kmandant ta' l-operazzjoni fi skambji tekniċi ma' pajjiżi terzi li joffru kontributi militari lil operazzjoni mmexxija mill-UE, u fit-thejjja tal-konferenza tal-ġenerazzjoni ta' forza;
 - Huwa jkompli jagħmel monitoraġġ ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi;
 - Kompiti mwettqa permezz taċ-Ċellula Ċiv/Mil:
 - Fuq talba mid-DGE lid-DGEUMS, jipprovdi assistenza lill-ippjanar strateġiku politiku-militari ta' rispons għal kriżijiet immwettaq taħt ir-responsabbiltà tad-DGE (tħejjija ta' CMC, azzjoni konġunta...);
 - Jikkontribwixxi għall-ippjanar strateġiku ta' rispons għal kriżi għal operazzjonijiet ċivili/militari konġunti permezz ta' żvilupp ta' għażliet strateġiċi kif previsti fi proċeduri ta' mmaniġġar ta' kriżijiet. Dan l-ippjanar jaqa' taħt ir-responsabbiltà diretta tad-DGEUMS u d-DGE u l-awtorità ġenerali tas-SĠ/RGH;
 - Fuq talba mid-DGE lid-DGEUMS, jipprovdi assistenza, lill-ippjanar strateġiku ċivili ta' rispons għal kriżijiet mwettaq taħt ir-responsabbiltà tad-DGE (tħejjija ta' PSO, CSO, eċċ.).

b) Kompiti addizzjonali tul l-operazzjonijiet

- L-EUMS, li jaġixxi taħt id-direzzjoni ta' l-EUMS, jagħmel monitoraġġ kontinwu ta' l-aspetti militari kollha ta' l-operazzjonijiet. Huwa jmexxi analiżi strateġika f'kollegament mal-kmandant ta' l-operazzjoni magħżul sabiex jingħata appoġġ lill-EUMC fir-rwol konsultattiv tiegħu lill-PSC inkarigat mid-direzzjoni strateġika;
- Fid-dawl ta' żviluppi politiċi u operattivi, huwa jipprovdi għażliet ġodda għall-EUMC bħala bażi għall-konsulenza militari ta' l-EUMC lill-PSC;
- Huwa jikkontribwixxi għan-nukleu ċentrali rinforzat, u għal żieda ulterjuri, kif meħtieġ, taċ-Ċentru Operattiv ta' l-UE;
- Kompiti mwettqa taċ-Ċellula Ċiv/Mil:
 - Jipprovdi n-nukleu ċentrali permanenti taċ-Ċentru Operattiv ta' l-UE;
 - Huwa jassisti fil-koordinazzjoni ta' operazzjonijiet ċivili. Tali operazzjonijiet huma mwettqa taħt l-awtorità tad-DGE. Jjassisti fl-ippjanar, appoġġ (inkluż l-użu possibbli ta' mezzi militari) u t-tmexxija ta' operazzjonijiet ċivili (il-livell strateġiku jibqa' mad-DGE).

5. **Organizzazzjoni**


- L-EUMS taħdem taħt id-direzzjoni militari ta' l-EUMC, li lilu jirrapporta;
- L-EUMS hu dipartiment tas-Segretarjat tal-Kunsill marbut direttament mas-SĠ/RGħ u jaħdem f'kooperazzjoni stretta ma' dipartimenti oħrajn tas-Segretarjat tal-Kunsill;
- L-EUMS hu mmexxi mid-DGEUMS, uffiċjal ta' l-ammirall ta' 3-stilel;
- Huwa magħmul minn persunal sekondat mill-Istati Membri li jaġixxu f'kapaċità internazzjonali, skond ir-regoli applikabbli għall-esperti nazzjonali u l-persunal militari sekondat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, kif ukoll had-diema taċ-ċivil sekondati mil-SĊK u mill-Kummissjoni. Bil-għan li jitjeb il-proċess selettiv ta' l-EUMS, l-Istati Membri huma mħeġġa li jippreżentaw iktar minn kandidat wieħed għal kull post li qed japplikaw għalih.
- Sabiex ikun jista' jlaħħaq mal-firxa kollha ta' missjonijiet u kompiti l-EUMS hu organizzat kif imniżżel fl-Appendiċi;
- F'sitwazzjonijiet jew eżerċizzju ta' maniġġar ta' kriżijiet, l-EUMS tista' tistabilixxi Gruppi ta' Azzjoni fi Kriżi (CAT) li jużaw mill-kompetenza, il-persunal u l-infrastruttura tiegħu. Barra minn dan, huwa jista', jekk meħtieġ, jitlob permezz ta' l-EUMC persunal għal żieda temporanja mill-Istati Membri ta' l-UE.
- Il-missjoni, il-funzjoni u l-organizzazzjoni taċ-Ċellula Ċiv/Mil, kif ukoll il-konfigurazzjoni taċ-ċentru operattiv ġew approvati mill-Kunsill fit-13 ta' Diċembru u approvati mill-Kunsill Ewropew fis-16 - 17 ta' Diċembru 2004. L-EUMC jipprovdi gwida permezz tad-DGEUMS, dwar l-attivitajiet militari mwettqa permezz taċ-Ċellula Ċiv/Mil. Kontributi permezz taċ-Ċellula għal aspetti ċivili dwar maniġġar ta' kriżijiet jibqgħu taħt ir-responsabbiltà funzjonali tad-DGE. Rappurtar dwar dawn l-attivitajiet lis-CIVCOM isiru skond proċeduri stabbiliti dwar l-aspetti ċivili ta' maniġġar ta' kriżijiet.

6. **Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi**

Ir-relazzjonijiet bejn l-EUMS, u l-membri Ewropej tan-NATO li mhumiex fl-UE, stati terzi oħrajn, il-kandidati għall-adeżjoni fl-UE, huma definiti fid-dokumenti rilevanti dwar ir-relazzjonijiet ta' l-UE ma' pajjiżi terzi.

APPENDIĊI

ORGANIZZAZZJONI ĠENERALI TA' L-EUMS



(1) Member of the Council Legal Service.

(2) Linkage with DG E.

(3) Independent if activated.

(4) EUMS officer working in the liaison office of the General Secretariat of the Council to the UN in New York.

ABBREVIJAZZJONIJIET**A**

| | |
|-------|--------------------------------|
| ACOS | Assistent tal-Kap tal-Persunal |
| ADMIN | Fergħa ta' l-Amministrazzjoni |

C

| | |
|---------|--|
| CEUMC | President tal-Kumitat Militari ta' l-Unjoni Ewropea |
| CIS | Diviżjoni tas-Sistemi ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni |
| CIV/MIL | Ċellula Ċivili/Militari |
| CIVCOM | Kumitat għal Aspetti Ċivili fil-Maniġġar ta' Kriżijiet |
| CMC SPT | Appoġġ lill-President tal-Kumitat Militari ta' l-Unjoni Ewropea |
| CMSP | Fergħa ta' l-Ippjanar Strateġiku Ċivili/Militari |
| CONOPS | Kunċett ta' Operazzjonijiet |
| CRP/COP | Pjanar ta' Rispons għal Kriżi/Fergħa ta' Operazzjonijiet Attwali |

D

| | |
|---------|---|
| DDG/COS | Deputat Direttur Ġenerali u Kap tal-Persunal tal-Persunal Militari ta' l-Unjoni Ewropea |
| DGEUMS | Direttur Ġenerali tal-Persunal Militari ta' l-Unjoni Ewropea |
| DOC/CON | Fergħa tad-Duttrina u l-Kunċetti |

E

| | |
|-------------|--|
| EUMC | Kumitat Militari ta' l-Unjoni Ewropea |
| EUMS | Persunal Militari ta' l-Unjoni Ewropea |
| EXE/TRG/ANL | Fergħa ta' l-Eżerċizzji, it-Taħriġ u l-Analiżi |
| EX OFFICE | Uffiċċju Eżekuttiv |

F

| | |
|---------|--|
| FOR/CAP | Fergħa ta' l-Iżvilupp tal-Forza u l-Kapaċità |
|---------|--|

I

| | |
|---------|--|
| INT | Diviżjoni tat-Tagħrif Sigriet |
| INT POL | Fergħa tal-Politika tat-Tagħrif Sigriet |
| ITS | Fergħa tat-Teknoloġija ta' l-Infurmazzjoni u s-Sigurtà |

L

| | |
|---------|-------------------------------------|
| LEGAL | Konsulent Legali |
| LOG | Fergħa tal-Loġistika |
| LOG/RES | Diviżjoni tal-Loġistika u r-Riżorsi |

O

| | |
|---------|--|
| OCPS | Persunal Permanenti taċ-Ċentru ta' l-Operazzjonijiet |
| OHQ | Kwartieri Ġenerali ta' l-Operazzjonijiet |
| OPLAN | Pjan ta' l-Operazzjonijiet |
| OPSCEN | Ċentre ta' l-Operazzjonijiet |
| OPS/EXE | Diviżjoni ta' l-Operazzjonijiet u l-Eżerċizzji |

P

| | |
|---------|--------------------------------------|
| PERS | Persunal Personali |
| POL | Fergħa tal-Politika |
| POL/PLS | Diviżjoni tal-Politika u l-Pjanijiet |
| POL/REQ | Fergħa tal-Politika u l-Ħtiġijiet |
| PRD | Fergħa tal-Produzzjoni |

R

| | |
|---------|-------------------------------|
| REQ | Fergħa tal-Ħtiġijiet |
| RES/SPT | Fergħa ta' Appoġġ tar-Riżorsi |

U

| | |
|--------|--|
| UN MLO | Uffiċjal ta' Kollegament Militari tan-Nazzjonijiet Uniti |
|--------|--|
